MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## TONIO MALLIA

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2005

Citazzjoni Numru. 593/2003

Alfred Sultana, Ronald Sultana u Ingrid Farrugia
Vs
David Versachere u Abdel Rahman Yaiya Abdel Latif u b' digriet tas-27 ta' Frar, 2004 gew nominati Dr. Anthony Cutajar u l-P.L. Hilda Ellul Mercer bhala kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-assenti Daniel Versachere u b' nota tat-13 ta' Ottubru, 2004 is-socjeta' Middlesea Insurance plc assumiet l-attir minflok il-kuratur Dr. Anthony Cutajar.
Illum,
Kawza nru;

Il-Qorti;

Rat ic-citazzjoni ppresentata mill-atturi fit-12 ta' Gunju, 2003 li in forza taghha, wara li ppremettew:

Illi l-kontindenti kienu involuti f' incident awtomobilistiku li sehh gew Triq Santa Andrija, Naxxar fil-5 ta' April 2003, meta li l-attur Ronald Sultana kien qed isuq l-vettura

Toyota Litace bin-numru tar-registrazzjoni CAR834, l-konvenut Daniel Versachere kien qed isuq l-vettura Peugeot 106 bin-numru tar-registrazzjoni CAK847 u l-konvenut Abdel Rahman Yaiya Abdel Latif kien qed isuq l-vettura BMW bin-numru tar-registrazzjoni JCA217513;

Illi l-vettura Toyota Litace bin-numru ta' registrazzjoni CAR-834 hija propjeta ta' l-attur Alfredo Sultana;

Illi l-incident in kwistjoni sehh minhabba traskuragini, negligenza u nuqqas ta' tharis ta' regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenuti;

Illi fl-incident in kwistjoni l-attur cioe' Ronald Sultana u Ingrid Farrugia li kienet passigierga fil-vettura Toyota Litace bin-numru tar-registrazzjoni CAR834 soffrew griehi personali li irrisultaw f' disabilita permanenti;

Illi a kawza ta' dan l-incident awtomobilistiku l-attur Ronald Sultana sofra danni konsistenti fi hsarat fil-vettura Toyota Litace bin-numru ta' registrazzjoni CAR834;

Illi l-konvenut baqaw in adempjenti minkejja diversi interpellanzi minghand l-atturi;

Talbu ghalhekk lil konvenuti jghidu ghaliex din l-Onorabbli Qorti m' ghandiex:

1. Tiddikjara li l-incident awtomobilistiku li sehh bejn il-kontendenti fil-5 ta' April 2003 gewwa Triq Sant' Andrija, Naxxar sehh unikament tort tal-konvenuti jew min minnhom u dan minhabba mperizja negligenza u non osservanza tar-regolamenti tat-traffiku;
2. Tillikwida d-danni sofferti mill-atturi a kawza ta' dan l-incident okkorendo bin-nomina ta' periti;
3. Tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom ihallsu lill-atturi s-somma hekk likwidata;

Bl-ispejjez u bl-imghax u l-konvenuti li gew ingunti in subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta’ Dr. Anthony Cutajar u tal-Prokuratur Legali Hilda Ellul Mercer fil-kwalita’ taghhom ta’ kuraturi Deputati nominati b’ digriet tas-27 ta’ Frar, 2004, sabiex jirrappresentaw lill-assenti Daniel Versachere li in forza taghha eccepew: -

Illi f’ dan l-istadju huma ma humiex edotti mill-fatti tal-kawza billi sa issa ghadhom ma ikkomunikawx mal-assenti minnhom rappresentat.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentatati rispettivi;

Rat in-nota ta’ Middlesea Insurance plc bhala assikuratrici ta’ Daniel Versachere tat-13 ta’ Ottubru, 2004, li in forza taghha assumiet l-atti tal-kawza ghan-nom ta’ Daniel Versachere flok il-kuraturi;

Rat id-digriet ta’ din il-Qorti tal-14 ta’ Ottubru, 2004 li in forza tieghu l-kuraturi gew estromessi mill-kawza;

Rat li l-konvenut Abdel Rahman Yaiya Abdel Ratif, debitament notifikat bl-att tac-citazzjoni, baqa’ ma ressaqx nota ta’ l-eccezzjonijiet u baqa’ kontumaci;

Rat l-affidavits imressqa bhala prova mill-attrici;

Semghet il-provi li ressqu l-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi din il-kawza tirrelata ghall-incident automobilistiku li sehh fil-5 ta’ April, 2003, go Triq San’ Andrija gewwa n-Naxxar.  L-attur Ronald Sultana kien qed isuq il-karozza tat-tip Toyota numru CAR-834, li hi proprjeta’ ta’ missier l-

attur Alfred Sultana. Hu kien qed isuq fi triq Sant’ Andrija fid-direzzjoni ta’ St. Andrews, u mieghu kellu bhala passiggier lill-attrici Ingrid Farrugia. Dawn xehedu li dak inhar kienu qed isuqu bi speed ta’ madwar 40 kilometru fis-siegha, meta minn gol-mera tad-driver, Ronald Sultana ra dawl qawwi u hass daqqa kbira fuq wara tal-van. Mad-daqqa tkaxkar ghall-gol hajt in-naha l’ ohra tat-triq, u habat mal-hajt head on. Wara li habat mal-hajt, raga’ inqala l’ barra u ghalaq il-karreggjata opposta, dik uzata mill-vetturi gejjin minn St. Andrews ghan-Naxxar. Hekk kif it-Toyota waqfet f’ nofs it-triq, giet karozza ohra, li kienet qed tuza dik il-karreggjata u dahlet fil-vettura tal-attur. Irrizulta li l-karozza li dhalet fuq wara tal-karozza misjuqa minn Ronald Sultana kienet vettura tat-tip BMW numru JCA217513 misjuqa mill-konvenut Abdel Rahman Yaiya Abdel Latif, waqt li l-karozza li dahlet fil-genb tal-karozza tal-imsemmi attru kienet tat-tip Peugeot numru CAK-847 misjuqa mill-konvenut Versachere.

Mill-istqarrijiet li taw iz-zewg drivers wara l-incident, jirrizulta li Abdel Rahman Yaiya Abdel Latif qal li hu kien tiela fi Triq ta’ Sant’ Andrija lejn St. Andrews , meta l-karozza ta’ quddiemu wafet f’ daqqa b’ konsegwenza li dhala fuq wara taghha u bid-daqqa qasmet il-lane l-iehor. Mill-isketch esebit jirrizulta wkoll li dan il-konvenut waqaf bil-vettura tieghu distanza mhux hazin minn fejn sehh l-incident, u meta ittiehdu proceduri kriminali kontra tieghu quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) fil-kompetenza taghha kriminali, kien instab hati u responsabbli ghall-incident b’ sentenza tal-10 ta’ Gunju, 2005.

Id-driver l-iehor, Daniel Versachere, qal li hu kien ghaddej fi triq Sant’ Andrija sejjer lejn il-Coast Road u ra zewg vetturi jahbtu u li kienu n-naha l-ohra tat-triq; wara l-habta, wahda minnhom tkaxkret la gemba, qabzet il-lane u waqfet f’ nofs il-lane tieghu, bil-konsegwenza li habtu.

Minn natura tal-hsarat kif indikati fuq il-vettura, jidher li l-karozza JCA 217513 kellha hsarat fuq quddiem kollu, l-istess il-karozza CAK-847 waqt li l-karozza tal-attur kellha hsarat fuq wara (fejn baqghet diehla go fiha l-karozza JCA 217513), fuq quddiem (meta habtet mal-hajt head on), u

fuq il-genb lemini taghha (fejn habtet go fiha l-karozza CAK-847). Il-hsarat fuq il-vettura tal-attur gew deskritti bhala “extensive” fir-rapport tal-Pulizija. Dawn id-deskrizzjonijiet jikkorroboraw l-mod ta’ kif sehh l-incident skond id-diversi stqarrijiet tal-persuni involuti.

Jidher, ghalhekk, li l-incident sehh peress li l-vettura misjuqa mill-konvenut Abdel Latif dahlet fuq wara tal-karozza misjuqa mill-attur Ronald Sultana. Kif intqal fil-kawza “Attard vs Abela”, deciza minn din il-Qorti fit-13 ta’ Marzu, 1987, hu risaput illi f’ rear end collision, ir-responsabbilita’ ghall-incident taqa’ fuq is-sewwieq tal-karozza ta’ wara. Sewwieq li jkun qed isegwi karozza ohra ghandu dejjem izomm bizzejjed distanza bejnu u l-karozza ta’ quddiemu biex jekk dan jieqaf f’ salt ikollu bizzejjed zmien biex jieqaf hu wkoll. Fil-kawza “Cassar vs Muscat” deciza minn din il-Qorti fis-7 ta’ Lulju, 1989, intqal li kollozzjoni li tigri ghaliex vettura investiet il-vettura ta’ quddiem ghaliex din ‘waqfet’, timplika dejjem presunzjoni ta’ tort tas-sewwieq tal-vettura ta’ wara li ghandu dejjem jikkalkola spazju sufficjenti biex fih ikun jista’ jieqaf, jekk ikollu bzonn, minghajr ma jolqot lil ta’ quddiemu. Fil-kawza “Mizzi vs Mizzi noe” deciza minn din il-Qorti fis-26 ta’ Marzu, 2005, intqal li s-sewwieq ta’ wara ghandu certu obbligi lejn il-vetturi li jkunu qed isuqu quddiemu. Il-Qorti osservat li s-sewwieq ta’ wara gahndu (1) ikollu l-karozza taht il-kontroll tieghu b’ mod li jieqaf meta l-karozza ta’quddiemu tieqaf; (2) li jzomm certu distanza mill-karozza ta’ quddiemu, u jsuq bi speed li jkun jista’ jieqaf jekk jieqaf ta’ quddiemu, u (3) zomm a proper look out biex jekk ta’ quddiemu jieqaf, jaraha tieqaf mill-ewwel u jieqaf.

F’ dan il-kaz is-sewwieq tal-vettura ta’ wara jidher li kiser kull wahda minn dawn ir-regoli imposti fuqu. Kien ghaddej b’ velocita’ eccessiva inatez il-hin tal-lejl u l-vetturi ta’ quddiemu: dan jirrizulta mill-mod li giet imbuttata l-karozza ta’ quddiem, il-hsarat estensivi li garrbet, u d-distanza li mxiet il-karozza sakemm waqfet wara l-incident. Il-konvenut Abdel Latif ma kellux kontroll shieh tal-vettura, tant li meta, skond hu, l-karozza ta’ quddiemu waqfet ma irnexxielux irazzen il-vettura tieghu fil-hin biex jevita l-

habta. Mehud konsiderazzjoni tal-velocita' li bih kien ghaddej, ma zammx bizzejjed distanza min ta' quddiemu, b' mod li baqa' diehel go fiha.

Din il-Qorti lanqas jidhrilha li l-karozza ta' quddiem waqfet f' xi hin. Il-karozza ta' quddiem kienet miexja bi speed relattivament baxx, waqt li l-vettura ta' wara kienet qed tinstaq bi speed qawwi; ghal xi hin il-karozza ta' wara kellha l-via taghha libera, izda meta waslet vicin il-karozza ta' l-atturi, id-driver inhasad bil-karozza quddiemu (li ma kienx inotha qabel), u ma setax jevita l-habta.

Din il-Qorti ma ssib xejn hazin fis-sewqan la ta' Ronald Sultana u lanqas tal-konvenut Versachere. Ghar-rigward ta' Ronald Sultata, kif jinghad "Where a car is traveling in a straight course turning neither to left nor to right, and is struck in the rear by another vehicle, the driver of the rear car is usually held responsible, especially if the car in front was on the proper side of the road.

The front car has a superior right; his look-out is ahead, and not behind; and he owes no duty to the rear except to use the road in the usual way, in accordance with the rule of the road…" (Trial of Motor Car Accident Cases .. Para 83).

Da parti tas-sewwieq Versachere, dan ukoll kien ghaddej b' mod normali fi triqtu u ma kellux cans jevita l-karozza tal-attur, li f' daqqa wahda, tfaccat la genba quddiemu. Hu ra l-habta tigri n-naha l-ohra tat-triq, u f' salt wiehed, sab il-karozza tal-attur quddiem wiccu b' mod li ma setax jevitha.

Il-Qorti, ghalhekk, issib lill-konvenut Abdel Rahman Yaiya Abdel Latif unikament responsabbli ghall-incident in kwistjoni.

It-tlett atturi f' din il-kawza qed jitolbu kumpens ghad-danni li sofrew.

L-attur Alfred Sultana huwa s-sid tal-karozza Toyota numru CAR-834 li kienet misjuqa minn ibnu Ronald dak

inhar tal-incident. Ghalkemm il-karozza sofriet hsarat, jidher li din tista’ tissewwa, u dan l-attur ikkonferma li l-ispiza relattiva titla’ ghal Lm1565 labour cost (panel beating, spray u mechanic) u LM 1984.34 prezz ta’ parts; ma dawn wiehed irid izid LM 28 ghat-towing tal-karozza wara l-incident peress li ma kienetx fi stat li tinstaq. B’ kollox dan l-attur qed jirreklama LM 3577.34 bhala damnum emergens. Il-Qorti rat li dawn l-ispejjez ma gewx kontestati, huma ragonevoli mehud kont tal-hsara fuq it-tlett nahat li garrbet il-karozza u ghandhom jigu mhallsa lill-attur Alfred Sultana.

L-attur Ronald Sultana qed jitlob LM 76 bhala damnum emergens, rappresentanti hlasijiet maghmula lid-diversi tobba li kkurawh. Dan l-attur qed jirreklama wkoll kumpens ghal-lucrum cessans peress li sofra dizabilita’ permanenti b’ rizultat tal-incident. L-attur wera li sofra 5% dizabilita’ minhabba l-ugiegh konness ma infjammazzjoni fl-irkoppa, u 5% ohra ghac-cikatrici u ghal-‘left buttock pain’. F’ kazijiet bhal dawn, il-persentagg totali ta’ dizabilita’ ma tinhadimx billi wiehed jghodd iz-zewg persentaggi, ghax dak li jrid jigi determinat hija mhux il-persentaggi relattivi ghad-debilita’ in kwistjoni, izda relatata mal-persuna b’ mod generali (ara “Fenech u Mizzi noe”, decisa minn din il-Qorti fit-2 ta’ Gunju, 2005). F’ kazijiet bhal dawn wiehed irid jiehu ‘weighted average’ (ara “Caruana vs Camilleri” deciza minn din il-Qorti fil-5 ta’ Ottubru, 1993), u applikat dan il-principju ghal kaz, il-Qorti sejra tadotta persentagg ta’ dizabilita ta’ 8%.

Dan l-istess attur ghandu xoghol full-time bhala technician il-Hetronic gewwa l-Mosta Technopark u ghandu dhul ta’ LM5064.84 fis-sena. Mehud kont ta’ ziediet fis-salarji minhabba inflazzjoni u avvanzi fil-karriera, il-Qorti jidhrilha li ghandha tahdem fuq salarju annwali ta’ LM 6,000.

L-attur kellu 24 meta sehh l-incident u allura fadallu hajja lavorattiva ta’ 37 sena. Kif qalet l-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza “Caruana vs Camilleri”, decisa fis-27 ta’ Frar, 2004, il-Qorti trid tikkunsisdra wkoll il-kontingenzi tal-hajja futura, u ghalhekk sejra tadotta multuplier ta’ 32.

B’ hekk il-kumpens dovut lill-attur Ronald Sultana bhala lucrum cessans ghandu jigi kkalkolat b’ dan il-mod = LM 6,000 x 32 x 8% = LM 15,360.

Peress li l-kumpens sejjer jinghata bhala somma wahda f’ salt ghandu jsir tnaqqis minhabba dan (lump sum deduction) li, f’ din il-kaz, peress li l-incident sehh fl-2003 ghandu jkun ta’ 20%. Is-somma dovuta bhala kumpens ghal lucrum cessans tinzel allura ghal LM 12,288.

B’ hekk il-kumpens dovut lill-attur Ronald Sultana ghandu jkun ta’ total ta’ LM12, 364 (LM 76 damnum emergens + LM 12,288 lucrum cessans).

L-attrici Ingrid Farrugia qed titlob kumpens ghal lucrun cessans peress li hi wkoll sofriet dizabilita’ permanenti rizultat tal-incident. Hi giet certifikata li ghada tbati minn 2% disability. Hi tahdem fl-education department u ghandha dhul annwali ta’ LM 6,625.62. Fil-kaz taghha wkoll, mehud kont ta’ ziediet fis-salarji minhabba inflazzjoni u avvanzi fil-karriera, il-Qorti jidhrilha li ghandha tahdem fuq salarju annwali ta’ LM 6,500.

Hi kellha, 22 sena meta sehh l-incident u allura, fadlilha hajja lavorattiva ta’ 39 sena. Minnhabba l-kontingenzi tal-hajja futura, il-Qorti sejra tadotta multiplier ta’ 34.

B’ hekk il-kumpens dovut lill-attrici Ingrid Farrugia bhala lucrum cessans ghandu jigi kkalkolat b’ dan il-mod : LM 6,500 x 34 x 2% = LM 4,420. F’ dan il-kaz ghandu jsir ukoll tnaqqis ta’ 20% minhabba lump sum payment u s-somma dovuta lilha bhala kumpens jinzel ghal LM 3,536.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-kawza billi tilqa l-ewwel talba u tiddijara li l-konvenut Abdel Rahman Yaiya Abdel Latif hu unikament responsabbli ghall-incident li sehh fil-5 ta’ April, 2003 u ghad-danni konsegwenzjali, u wara li t-tilqa it-tieni u t-tielet talbiet tal-atturi, tikkundanna lill-istess konvenut Abdel Rahman Yaiya Abdel Latif ihallas is-somma ta’ LM 3,577.34 (tlett elef, hames mija u sebgha u sebghin lira u erbgha u tletin centezmu) lill-attur Alfred Sultana, is-somma ta’ LM

12,364 (tnax-il elf, tlett mija u erbgha u sittin lira) lill-attur Ronald Sultana u s-somma ta’ LM 3,536 (tlett elef, hames mija u sitta u tletin lira) lill-attrici Ingrid Farugia, f’ kull kaz, bl-imghax legali mil-lum sal-pagament effettiv; tichad it-talbiet attrici fil-konfront tal-konvenut Daniel Versachere.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu kollha mill-konvenut Abdel Rahman Yaiya Abdel Latif.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------